MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Referenza Kostituzzjonali Numru. 509/2006/1

**Vincent u Jane konjugi Zerafa**

***kontra***

**Emmanuel Cilia u b`digriet tal-1 ta` Lulju 2013 stante l-mewt ta` Emanuel Cilia l-atti gew trasfuzi f`isem Svetlana Cilia**

***u***

**Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer nominati b`digriet tal-15 ta` Gunju 2006 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-sidien ohrajn mhux**

**maghrufa tal-fond Numru 5 fi Sqaq Numru 1, Hospital Square, Zebbug (Malta)**

***u***

**B`digriet tas-16 ta` Marzu 2007, Fr Joseph Bugeja, u wara korrezzjoni awtorizzata tat-30 ta` Marzu 2007 f`ismu propju u kif ukoll bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Opri Missjunarji Ponteficcji, Lina Zerafa, Josephine Pomarico Cilia, Filippa Catania, Theresa Debono, Grace Cilia, Antoinette Resta, Janie Saliba u Suor Concetta Cilia gew kjamati fil-kawza**

***u***

**L-Onorevoli Prim` Ministru u l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja**

***u***

**B`digriet tat-30 ta` Settembru 2010 gie kjamat fil-kawza d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt ghal kull interess li jista` jkollu**

***u***

**B`digriet tas-17 ta` Ottubru 2011 giet kjamata fil-kawza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

**I.** **Preliminari**

Illi dak li skatta l-procediment kostituzzjonali, fl-ambitu ta` procediment ordinarju, kien ir-rikors tat-8 ta` Mejju 2008 li pprezentaw il-konvenut u l-kjamati fil-kawza kollha fil-procediment ordinarju fejn, ghar-ragunijiet minnhom esposti, talbu lill-Qorti sabiex taghti r-rimedji kollha xierqa u opportuni skond l-Art.46 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u skond l-Art.4 tal-Att XIV tal-1987 fis-sens illi l-emendi introdotti bl-Att XXIII tal-1979 u cioe` l-Art.12(4) u (5) tal-Kap.158 – Ordinanza tal-1959 dwar it-Tnehhija tad-Djar mill-Kontroll – jmorru kontra l-Kostituzzjoni ta` Malta ("il-Kostituzzjoni") u kontra l-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni") u ghalhekk huma nulli u minghajr ebda effett legali.

Illi l-procediment kostituzzjonali ha l-kors tieghu distakkat mill-procediment ordinarju quddiem din il-Qorti hekk kif presjeduta.

Illi b`sentenza li tat din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali fid-9 ta` Ottubru 2012 *inter alia* cahdet eccezzjoni ta` whud mill-konvenuti illi l-applikazzjoni tal-Art 12(4) tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap 158) dwar konverzjoni ta` enfitewsi temporanja ghal wahda perpetwa tikkostitwixxi ksur tal-jedd taghhom ghat-tgawdija ta` hwejjighom hekk kif imhares taht l-Art 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Illi sar appell u b`sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Ottubru 2013 inghad hekk *inter alia* –

*thassar is-sentenza appellata u tilqa` l-eccezzjoni meritu tal-appell fis-sens illi tghid illi l-konverzjoni tal-enfitewsi temporanja tal-propjeta` tal-konvenuti f`wahda perpetwa b`applikazzjoni tal-Art 12(4) tal-Kap 158 b`cens ta` mija u hdax-il euro u wiehed u tmenin centezmu (€111.81) fis-sena ghall-ewwel hmistax-il sena li jizdied kull hmistax-il sena kif tipprovdi l-istess disposizzjoni tal-ligi tkun bi ksur tal-jedd tal-konvenuti appellanti mhares taht l-Art 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art 1 tal-Ewwel Protokoll minhabba nuqqas xieraq u proporzjonat.*

Illi l-Qorti Kostituzzjonali ordnat li l-atti jintbaghtu lura lil din il-Qorti sabiex jitkompla s-smigh tal-kawza.

Illi l-ewwel udjenza li giet wara din is-sentenza kienet dik tal-31 ta` Ottubru 2013.

Illi l-udjenza ta` wara dik kien tas-7 ta` Jannar 2014.

Illi fit-3 ta` Frar 2014 Vincent u Jane konjugi Zerafa (li kienu l-intimati fil-procediment kostituzzjonali) ipprezentaw rikors fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lill-Qorti illi :-

*filwaqt li tiddikjara li r-rikorrenti kellhom u ghandhom aspettattiva legittima u/jew possession li hi protetta u sancita taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (u l-Kap 319) u kif ukoll jeddijiet naxxenti minn u protetti that l-art 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, konssistenti fil-jedd ghall-konverzjoni tac-cens minn wiehed temporanju ghal perpetwu relattivament ghall-fond dibattut f`din il-kawza, taghti r-rimedji kollha xierqa u opportuni ai termini tal-Art 46 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll ai termini tal-Art 4 tal-Att XIV tal-1987 (Kap 319) sabiex tali jeddijiet tal-esponenti jigu mharsa, filwaqt li fl-istess waqt jigu rispettati l-jeddijiet ta` whud mill-intimati hekk kif dawn jemergu mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-atti ta` din il-kawza tal-25 ta` Ottubru 2013, u ghaldaqstant tiddikjara li l-isproporzjon ravvisat fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija jrid jigi ndirizzat fil-kuntest ta` dawn il-jeddijiet li ghandhom l-esponenti …*

Illi r-rikorrenti fil-procediment kostituzzjonali pprezentaw zewg risposti fl-14 ta` Frar 2014 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba ta` Vincent u Jane konjugi Zerafa.

Illi fl-udjenza tal-20 ta` Frar 2014, id-difensuri tar-rikorrenti talbu r-rikuza tal-Imhallef sedenti kemm ghar-rigward ta` l-procediment kostituzzjonali kif ukoll fir-rigward tal-procediment ordinarju. Id-difensur tal-intimati kkontesta din it-talba abbazi tal-Art 739 tal-Kap 12.

Illi fl-istess udjenza, il-kawza thalliet ghal provvediment dwar it-talba tar-rikorrenti fil-procediment kostituzzjonali kif dedotta fl-udjenza tal-20 ta` Frar 2014.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Illi din il-Qorti tibda tghid illi fil-kaz tal-lum ma jghoddx dak li jghid l-**<u>Art 739 tal-Kap 12</u>** u cioe` li *ma tistax tingħata l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' mħallef meta r-rikużant, jekk ikun l-attur, ikun ġa fisser it-talba tiegħu fis-smigħ tal-kawża, jew, jekk ikun il-konvenut, ikun ġa ta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kemm-il darba r-raġuni tar-rikuża ma tkunx inqalgħet wara, jew ir-rikużant, jew l-avukat tiegħu, ma jiddikjarax bil-ġurament li ma kienx jaf b'dik ir-raġuni jew li ma ndunax b'dik ir-raġuni fiż-żmien li jmiss.* Huwa ben evidenti li l-fatti kif svolgew fil-procediment tal-lum ma jinkwadrawx ruhhom f`din id-disposizzjoni (ara wkoll s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta` Gunju 1994 fil-kawza "**<u>Ir-Repubblika ta` Malta vs Andrew sive` Andrea Facchetti et</u>**")

**Illi din il-Qorti ma ppronunzjatx ruhha dwar il-procediment ordinarju u ghalhekk it-talba ghar-rikuza <u>safejn tolqot dak il-procediment</u> qeghda tkun michuda.**

Illi xorta ohra hija l-kwistjoni fejn si tratta tal-procediment kostituzzjonali.

Illi ghalkemm ir-rikorrenti fil-procediment kostituzzjonali naqsu milli jindikaw taht liema disposizzjoni kienu qeghdin jissottomettu li ghandu jkun hemm ir-rikuza tal-Imhallef sedenti, il-Qorti tifhem li kienu qeghdin jirreferu ghall-**Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12** li jaqra hekk :-

*L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża … jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef … Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia.*

Illi dwar din id-disposizzjoni kien rilevat fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-6 ta` Novembru 1967 fil-kawza "**Carmelo Gauci vs Giorgio Gatt et**" illi :-

"*Gie dejjem ritenut illi l-kazijiet li fihom Imhallef jista` jastjeni jew jigi rikuzat huma dawk biss tassattivament imsemmija fl-imsemmi artikolu. Gie wkoll dejjem ritenut illi l-kliem "il-kawza" fid-dissposizzjoni hawn fuq citata jirriferixxu ghall-istess kawza li fiha tkun inghatat id-decizjoni precedenti.*"

Illi fis-sentenza taghha tad-9 ta` Ottubru 2012, din il-Qorti hekk kif presjeduta ppronunzjat ruhha b`mod car u inekwivoku dwar il-lanjanza kostituzzjonali tar-rikorrenti. Fis-sentenza "**Gauci vs Gatt et**" (op. cit.) inghad hekk :-

*"Imhallef jista` jigi rikuzat f`kawza meta din tkun ga giet quddiemu bhala Imhallef. Izda d-decizjoni tieghu f`dik il-kawza trid tkun tinvolvi l-istess meritu f`liema huwa ga ppresjeda. Jekk il-mertu jkun differenti l-esspressjoni da part ital-imhallef ta` opinjoni dwar il-provi migbura mill-parti fil-kawza precedenti ma tassoggettahx ghall-possibilita` ta` rikuza."*

Illi hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi kieku kellha tkun din il-Qorti hekk kif presjeduta li tittratta u tiddeciedi kemm dwar ir-rikors tat-3 ta` Frar 2014 ta` Vincent u Jane konjugi Zerafa (li kienu l-intimati fil-procediment kostituzzjonali) kif ukoll dwar dak li fadal x`jigi trattat u deciz fil-bqija tal-procediment kostituzzjonali, allura din il-Qorti hekk kif presjeduta tghid illi ma jkunx qieghed isir dak li jrid l-Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda :-**

**fl-ewwel lok tirrespingi t-talba tal-konvenuti fil-procediment ordinarju ghar-rikuza tal-Imhallef sedenti ;**

**u**

**fit-tieni lok fir-rigward tal-procediment kostituzzjonali qeghda bl-applikazzjoni tal-Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta tilqa` t-talba tar-rikorrenti fl-istess procediment, u konsegwentement qeghda tirrikuza lilha nfisha limitatament ghall-procediment kostituzzjonali.**

**Ghaldaqstant qeghda tordna li l-atti tal-procediment kostituzzjonali jmorru ghand ir-Registratur tal-Qorti sabiex jigu assenjati lil Imhallef iehor sedenti fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment - kemm fejn jolqot il-procediment ordinarju kif ukoll fejn jirrigwarda l-procediment kostituzzjonali - jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Thalli l-procediment ordinarju ghall-kontinwazzjoni ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 6 ta` Novembru 2014 fid-9.00 a.m.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------